Nru. 17,652
Prezz 80ċ
Price 80c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2004
Tuesday, 14th September, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 968

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,649 u 17,651 tas-7 u ta' l-10 Settembru, 2004 rispettivament.

A.L. Nru. 401 ta' l-2004: Att dwar Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gwardjani Privati.

A.L. Nru. 402 ta' l-2004: Att ta' l-2004 biex Jemenda Diversi Liġijiet (Att Nru. III ta' l-2004); Avviż ta' bidu fis-seħħ tat-Taqsima II.

A.L. Nru. 403 ta' l-2004: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Proċeduri għal Kunsilli Lokali.

A.L. Nru. 404 ta' l-2004: Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 146); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti għall-Approvazzjoni ta' Proċessuri fis-Settur ta' l-Ipproċessar tal-Prodotti.

A.L. Nru. 405 ta' l-2004: Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd (Kap. 146); Regolamenti ta' l-2004 dwar Għajnuna lil Produtturi tat-Tadam għall-Ipproċessar.

A.L. Nru. 406 ta' l-2004: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek.

L-14 ta' Settembru, 2004

GOVERNMENT NOTICES

No. 968

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,649 and 17,651 of the 7th and 10th September 2004 respectively.

L.N. No. 401 of 2004: Private Guards and Local Wardens Act (Cap. 389); Private Guards (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 402 of 2004: Amendment of Various Laws Act, 2004 (Act No. III of 2004); Notice of coming into force of Part II.

L.N. No. 403 of 2004: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Procedures) (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 404 of 2004: Agriculture and Fisheries Industries (Financial Assistance) Act (Cap. 146); Approval of Processors in the Product Processing Sector (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. 405 of 2004: Agriculture and Fisheries Industries (Financial Assistance) Act (Cap. 146); Aid to Producers of Tomatoes for Processing Regulations, 2004.

A.L. Nru. 406 ta' l-2004: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays.

14th September, 2004

Nru. 969

ĦATRA TA' AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Ms Josanne Bonello	Skrivan tal-Kamra *Clerk to the House*	Kamra tad-Deputati *House of Representatives*	03-20.9.2004

L-14 ta' Settembru, 2004

No. 969

APPOINTMENT OF ACTING CLERK TO THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

14th September, 2004

Nru. 970

KORPORAZZJONI MALTIJA GĦALL-INTRAPRIŻA KORPORAZZJONI GĦAL ŻVILUPP TA' MALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi b'seħħ mit-2 ta' Awissu, 2004, is-Sur Paul Zahra u s-Sur David Newman irriżenjaw mill-karigi ta' Diretturi tal-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża u tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta.

L-14 ta' Settembru, 2004

No. 970

MALTA ENTERPRISE CORPORATION MALTA DEVELOPMENT CORPORATION

IT is notified for general information that with effect from the 2nd August, 2004, Mr Paul Zahra and Mr David Newman have resigned from the posts of Directors of the Malta Enterprise Corporation and the Malta Development Corporation.

14th September, 2004

Nru. 971

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Pamela Mifsud Bonnici, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat u Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard, LL.D., b'seħħ mit-28 ta' Awissu, 2004 sat-2 ta' Settembru, 2004 għal matul l-assenza tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

Joseph Borg
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-6 ta' Settembru, 2004

No. 971

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Pamela Mifsud Bonnici, B.A., LL.D., to be Notary Delegate and Keeper for Notary Dr Pierre Attard, LL.D., with effect from 28th August, 2004 to the 2nd September, 2004 during the latter's absence from these Islands.

Joseph Borg
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

6th September, 2004

Nru. 972

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dottoressa Cora Vella, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Vincent Miceli, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mis-7 ta' Settembru, 2004 sa l-14 ta' Settembru, 2004.

Lorianne Camilleri
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-7 ta' Settembru, 2004

No. 972

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Cora Vella, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Vincent Miceli, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 7th September, 2004 till the 14th September, 2004.

Lorianne Camilleri
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

7th September, 2004

Nru. 973

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dottoressa Cora Vella, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Paul Callus, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mis-27 ta' Awissu, 2004 sat-3 ta' Settembru, 2004.

Lorianne Camilleri
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-7 ta' Settembru, 2004

No. 973

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Cora Vella, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Paul Callus, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 27th August, 2004 till the 3rd September, 2004.

Lorianne Camilleri
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

7th September, 2004

Nru. 974

REGOLAMENTI TA' L-2004 DWAR IT-TIPJIP F'POSTIJIET MIFTUĦIN GĦALL-PUBBLIKU

IS-SUPRETENDENT tas-Saħħa Pubblika jgħarraf illi l-kriterji hawn taħt approvati għandhom ikunu adottati mill-persuna responsabbli sabiex tassigura illi l-espożizzjoni ta' persuni li ma jpejpux tkun imnaqqsa u dan skond Regolament 5(ċ) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku.

L-14 ta' Settembru, 2004

Kriterji applikabbli għal Kmamar imsemmija fejn jista' jsir tipjip

Il-postijiet liċenzjati għandhom ikunu msemmija bħala postijiet fejn ma jistax isir tipjip; jew inkella jkollhom ventilazzjoni adegwata u li tkun skond ir-rekwiżiti għal kamra msemmija fejn jista' jsir tipjip skond kif imsemmi hawn taħt.

Ma jistax jitħalla jsir tipjip f'postijiet liċenzjati sakemm ma jittieħdux miżuri adegwati sabiex tiġi mħarsa s-saħħa ta' min ma jpejjipx kif ukoll tiġi mnaqqsa l-espożizzjoni ta' dawk li ma jpejpux, għad-duħħan tat-tabakk.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan is-segwenti għandu jiġi japplikat:

1. Postijiet liċenzjati fejn ma jistax isir tipjip fihom, kif ukoll kmamar fejn ma jistax isir tipjip fihom li jkunu f'postijiet liċenzjati fejn it-tipjip huwa permess għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar. Il-kamra fejn jista' jsir tipjip fiha għandha tkun identifikata u mmarkata fuq pjanta tas-sit li tkun iffirmata mill-persuna responsabbli mill-post liċenzjat u minn Inġinier. Din il-pjanta għandha titqiegħed għal wiri permanentement f'żona aċċessibbli għal klijenti l-ħin kollu. Minbarra hekk, irid ikun assigurat li s-sinjali sabiex ma jsirx tipjip jinżammu fi stat tajjeb. Is-sinjali għandhom ikunu f'postijiet prominenti kemm fid-daħla ta' dawn il-kmamar kif ukoll ġo fihom.

2. Postijiet liċenzjati għandhom ikunu msemmija bħala jew li jippermettu t-tipjip jew li ma jħallux tipjip isir fihom.

Il-liġi tirrikjedi illi ebda tipjip ma huwa permess f'postijiet illi huma msemmija li ma jippermettux tipjip.

Postijiet liċenzjati fejn it-tipjip huwa permess għandhom jidentifikaw kamra msemmija fejn jista' jsir tipjip, u fejn it-

No. 974

SMOKING IN PREMISES OPEN TO PUBLIC REGULATIONS 2004

THE Superintendant of Public Health hereby notifies that the approved criteria hereunder are to be adopted by the responsible person to ensure that the exposure of non-smokers is reduced and this in terms of Regulation 5 (c) of Smoking in Premises Open to Public Regulations, 2004.

14th September, 2004

Criteria applicable to Designated Smoking Rooms

The licensed premises shall be designated as non-smoking or have adequate ventilation complying with the requirements for a designated smoking room.

As provided by law, smoking may be permitted in licensed premises, provided adequate measures are taken to safeguard the health of non-smokers, as well as reduce or minimize the exposure of non-smokers to tobacco smoke.

In order to meet these requirements, the following provisions shall apply:

1. Non-smoking licensed premises, as well as non-smoking rooms located in licensed premises where smoking is permitted, shall be clearly marked. The non-smoking room shall be clearly identified and marked on a scaled site plan countersigned by the current operator of the licensed premises and an Engineer. The site plan shall be permanently displayed in an area accessible to clients at all times. Moreover, the provision and maintenance at all times of non-smoking signs shall be ensured. Signs shall be located in conspicuous places both at the entrances to these rooms as well as inside the rooms accessible to the clients.

2. Licensed premises shall be designated as either non-smoking or as permitting smoking in their premises.

As required by law, no smoking shall be permitted inside licensed premises which have been designated as non-smoking premises.

Licensed premises wherein smoking is permitted shall identify a designated smoking room or rooms, within which

tipjip ikun permess.

3. Kmamar imsemmija fejn jista' jsir tipjip:

a) għandhom ikunu identifikati b'mod ċar permezz ta' avviżi adegwati li jkunu mwaħħlin permanentement f'pożizzjonijiet prominenti fid-dħul tal-kmamar li jwissu lil min jidħol fil-kamra li se jidħol f'kamra msemmija fejn jista' jsir tipjip;

b) ma jistgħux ikunu parti minn kuridur jew passaġġ ieħor li jkun jintuża minn min ma jpejjipx sabiex ikollu aċċess għal żoni fejn ma jistax isir tipjip;

ċ) għandhom ikunu separati minn żoni fejn mhux permess tipjip permezz ta' ħitan impenetrabbli mill-art sas-saqaf li jkunu d-dawra kollha tal-kamra; u

d) għandu jkollhom bibien li jingħalqu awtomatikament u li jinżammu magħluqa. Il-bibien għandhom ikunu magħmula b'tali mod li jnaqqas il-kurrenti ta' l-arja barra mill-kamra li fiha huwa permess it-tipjip, waqt li din il-kamra tkun qed tintuża.

In-numru ta' nies li jkunu jistgħu jidħlu fil-kamra li fiha huwa permess it-tipjip għandu jkun muri b'mod ċar fid-daħla tal-kamra.

4. Kmamar imsemmija li jista' jsir tipjip fihom għandu jkollhom sistema ta' ventilazzjoni furzata biex titnaqqas il-possibilita' ta' kontaminazzjoni bid-duħħan tat-tabakk mill-kamra fejn hu permess it-tipjip għall-kamra fejn mhux permess tipjip.

Sistemi ta' ventilazzjoni furzata għandhom:

1) iżommu l-kamra fejn hu permess it-tipjip *depressurized* akkont maż-żoni fejn mhux permess tipjip b'differenza ta' mhux anqas minn -7Pa meta jkun hemm is-sistemi ta' *exhaust* qed jaħdmu;

2) jagħti minimu ta' 30 litru arja pura kull sekonda, mifruxa fiż-żona kollha tal-kamra, għal kull persuna preżenti fil-kamra u bbażata fuq il-massimu ta' persuni li jistgħu joqogħdu fil-kamra; u

3) jiġbed l-arja fil-kamra fejn hu permess it-tipjip u jitfagħha 'l barra mingħajr ma jerġa' jiċċirkolaha għal postijiet oħra okkupati. Din is-sistema ta' *exhaust* għandha tqis in-numru massimu ta' emissjonijiet possibbli fl-atmosfera u għandha tkun mibnija b'tali mod li tikkonforma mar-rekwiżiti legali f'dak il-każ.

smoking may be permitted.

3. Designated smoking rooms shall:

a) be clearly identified as such, with adequate notices, fixed permanently in prominent positions at the entrances, warning persons accessing the room that they are entering a designated smoking room;

b) not form part of a corridor or other passageway essential for non-smokers to gain access to non-smoking areas;

c) be separated from the non-smoking area by means of full height impermeable partitions all around the room, and,

d) be equipped with automatically closing doors which shall normally be kept in the closed position. The doors shall be so constructed as to reduce air currents outside of the smoking room during operation.

The maximum number of occupants allowable in the smoking room shall be clearly indicated at the entrance to the room.

4. Designated smoking rooms shall be equipped with forced ventilation to minimize the possibility of contamination of the non-smoking area by tobacco smoke from the designated smoking room.

Forced ventilation systems in these places shall:

1) maintain the smoking room depressurised relative to the adjoining non-smoking areas with pressure differentials of not less than -7Pa with all other exhaust systems in operation,

2) provide a minimum of 30 litres per second of fresh air per occupant, distributed approximately evenly over the complete floor area of the smoking room, and based on the maximum occupancy as per clause 3.1.2.1, and,

3) exhaust the air from the smoking room to the outside without re-circulation to other occupied spaces. The exhaust system shall take into account the maximum emissions possible into the atmosphere and shall be constructed so as to conform to the legal requirements in such instances.

Nru. 975

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 975

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 91	Tony Borg	5, Manok, Triq il-Wied, Qormi	Kategorija IV - Servizzi ta' kostruzzjoni *Category IV - Construction services*	45	07.09.04
CD/3209/2004 Pt 299	Edward Smith	'Antea' 212, Naxxar Road, Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44	07.09.04
CD/3209/2004 Pt 301	Justin Agius	Damage Inc. Shop 15, Level 1, Savoy Arcades St. John's Street Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.48.9	07.09.04
CD/3209/2004 Pt 302	William Montebello	'Il-Ġojjell' 17, Main Street, Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.2 52.48.7 52.48.11	07.09.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 304	Martin Mifsud	Martin Frozen Foods 2, Mensija Road San Ġwann	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21 52.22 52.23	07.09.04
CD/3209/2004 Pt 305	Raymond Polidano	Malta Aviation Museum Huts 161, 162 Ta' Qali Attard	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI- Social and personal services*	92.5 52.48.11	07.09.04
CD/3209/2004 Pt 306	Anthony Stivala	Zodiac Salon 47D, Triq San Ġorġ Gżira	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	07.09.04
CD/3209/2004 Pt 307	Glenn Conrad Pullicino	Glenn's Wines & Spirits 19, Triq Burglat Gudja	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.25	07.09.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

L-14 ta' Settembru, 2004

14th September, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 96

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Santa Luċija

Nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Settembru, 2004 mis-6.00 a.m. u nofsinhar mit-toroq li ġejjin: il-Bigonia, Ines Soler, il-Karmelitani, id-Dalji, Gardenja u Dawret it-Torri.

Il-vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmonkati.

Ħal Luqa

Nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Settembru, 2004 mis-1.00 p.m. sat-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sant' Andrija, il-Pjazza tal-Knisja u Dun Pawl.

Il-vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmonkati.

L-14 ta' Settembru, 2004

POLICE NOTICE

No. 96

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Sta. Lucia

On Wednesday, 22nd September, 2004 from 6.00 a.m. to noon through the following streets: il-Bigonia, Ines Soler, il-Karmelitani, id-Dalji, Gardenja and Dawret it-Torri.

Vehicles found in contravention of this Notice are subject to be towed.

Luqa

On Wednesday, 22nd September, 2004 from 1.00 p.m. to 8.00 p.m. through the following streets: Sant' Andrija, il-Pjazza tal-Knisja and Dun Pawl.

Vehicles found in contravention of this Notice are subject to be towed.

14th September, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 97

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Ottubru, 2004 bejn il-5.30 p.m. u t-

POLICE NOTICE

No. 97

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Sunday, 3rd October, 2004 between 5.30 p.m. and 8.00

8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Kola Xara, il-Kulleġġ, G. Borg Olivier u Misraħ San Duminku.

Il-vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

L-14 ta' Settembru, 2004

p.m. through the following streets: Kola Xara, il-Kulleġġ, G. Borg Olivier and Misraħ San Duminku.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

14th September, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 62 ta' l-2004

Ġbid ta' Film

Se jinġibed *film* fi Xrobb l-Għaġin, Marsaxlokk nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2004. Fil-każ ta' maltemp l-iffilmjar jiġi differit għal jum ta' wara.

Minħabba dan ta' fuq il-baħħara u għawwiema huma avżati biex ma jidħlux fil-bajja msemmija hawn fuq fid-data stipulata bejn il-5.00 a.m. u t-8.30 a.m.

Chart affettwata: BA 2538.

L-14 ta' Settembru, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 62 of 2004

Filming Activities

Filming activities will take place at Xrobb l-Għaġin, Marsaxlokk on Thursday, 16 September 2004. In case of adverse weather the filming will be postponed to the following day.

In view of the above mariners and bathers are advised not to enter the above-mentioned bay on the stipulated date between 5.00 a.m. and 8.30 a.m.

Chart affected: BA 2538.

14th September, 2004

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 3* 2004

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati illi ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq waslu issa u jistgħu jinġabru kif ġej:–

Kandidati f'Malta
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
il-Furjana

Kandidati f'Għawdex
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
ir-Rabat,
Għawdex.

Il-kandidati għandhom jiftakru li ċ-ċertifikati jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità tagħhom u l-karta tar-riżultat.

Jekk ir-riżultat jinġabar mit-tutor, għandhom jiġu ppreżentati l-Karti ta' l-Identità tat-tutur u tal-kandidat.

L-14 ta' Settembru, 2004

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The London Chamber of Commerce and Industry Series 3 2004 Examinations

The Acting Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the above examinations have now been received and can be collected as follows:–

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo.

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and result slip.

If the certificate is collected by the guardian, the Identity Cards of both the guardian and the candidate should be presented.

14th September, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Kors ta' Uffiċjal Kadett bi Prova

L-Istitut Marittimu ta' l-MCAST qed joffri Kors ta' Uffiċjal Kadett bi Prova għal sena fuq bażi *full-time* (jibda lejn l-aħħar ta' Settembru 2004) għal persuni li bi ħsiebhom japplikaw għall-kors li jwassal għal Uffiċjal Inkarigat min-*Navigational Watch* jew kwalifika ta' *Engineering Watch*, iżda li għalissa għad m'għandhomx il-ħtiġiet kollha akademiċi tad-dħul biex jibdew il-kors.

Persuni 'l fuq minn 15-il sena u disa' xhur, li għandhom minimu ta' erba' (4) *SEC/O level passes* fi Grad 5/C (wieħed mis-suġġetti offruti jrid ikun il-Lingwa Ingliża), jistgħu japplikaw għall-kors. Jistgħu japplikaw għall-kors persuni li għad m'għandhomx il-*passes* meħtieġa fis-suġġetti obbligatorji tal-Matematika u /jew Fiżika. L-applikanti kollha jkunu meħtieġa jagħmlu Eżami Mediku, eżami ta' Xeħta Fiżiku u Intervista, qabel ma ssir l-għażla u jinbeda l-kors ta' Uffiċjal Kadett bi Prova.

Il-kandidati magħżula jsegwu kors ta' tagħlim biex jiksbu *pass* fis-*SEC/O level* fi Grade5/C jew aħjar fil-Fiżika u Matematika. Huma jagħmlu wkoll kors nawtiku bi preparazzjoni għall-kors li jwassal għad-dħul bħala Uffiċjali Kadetti. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Istitut Marittimu ta' l-MCAST, Villa Portelli, Triq Marina, il-Kalkara CSP 11. Tel: 21 806467/8, Fax: 21809057, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

e-mail address: www.mcast.edu.mt

L-14 ta' Settembru, 2004

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Probationary Officer Cadet Course

The MCAST Maritime Institute will be offering a one-year full-time Probationary Officer Cadet Course (commencing towards the end of September 2004) for persons intending to apply for the course leading to Officer-In Charge of a Navigational Watch or an Engineering Watch qualification, but who do not as yet possess all the academic entry requirements to commence the course.

Persons above the age of 15 years 9 months, who are in possession of a minimum of four (4) SEC/O level passes at Grade 5/C (one of the subjects offered must be English Language), may apply for the course. The course is open to persons who do not yet possess entry-level passes in the required mandatory subjects of Mathematics and/or Physics. All applicants will also be subjected to a Medical Test, a Physical Aptitude test and an Interview, prior to selection and commencement of the Probationary Officer Cadet course.

Selected candidates will follow a course of instruction in order to achieve a pass at SEC/O level at Grade5/C or better in Physics and Mathematics. They will also follow a nautical course in preparation for the course leading to entry as Officer Cadets. Further information may be obtained from the MCAST Maritime Institute, Villa Portelli, Marina Street, Kalkara CSP 11. Tel: 21 806467/8, Fax: 21809057, during normal office hours.

e-mail address: www.mcast.edu.mt

14th September, 2004

KUNSILL LOKALI GŻIRA

Avviż għas-Sewwieqa

Il-Kunsill Lokali Gżira jgħarraf li minn nhar it-Tnejn, l-20 ta' Settembru 2004, se jibdew xogħlijiet infrastrutturali fil-parti ta' fuq ta' Triq San Albert minn Triq il-Madonna tal-Ġebla sa Triq D'Argens u għaldaqstant ħadd ma jista' jipparkja f'din il-parti tat-triq. Min jipparkja l-vettura tiegħu hemm tiġi rmunkata.

Dan l-avviż ma japplikax għall-Ħdud u Festi Pubbliċi, u jibqa' validu sakemm joħroġ avviż ieħor.

L-14 ta' Settembru, 2004

GŻIRA LOCAL COUNCIL

Notice to Drivers

The Gżira Local Council notifies that from Monday, 20th September 2004, infrastructural works will commence in the upper part of Triq San Albert from Triq il-Madonna tal-Ġebla to Triq D'Argens, thus no parking is allowed in this part of the street. Parked vehicles will be removed by means of towing service.

This notice does not apply for Sundays and Public Holidays and will remain valid until a further notice is published.

14th September, 2004

KUNSILL LOKALI XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali Xagħra jilqa' kwotazzjonijiet minghand kumpanniji interessati sabiex isir studju għall-immaniġġjar tat-traffiku madwar il-lokalità tax-Xagħra.

Il-kwotazzjoni triq tkopri pjan komprensiv tal-problemi kollha konnessi mat-traffiku inkluż dawk ta' l-ipparkjar. Id-data ta' l-għeluq hi l-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru, 2004.

L-14 ta' Settembru, 2004

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council receives quotations from interested companies for the preparation of a study for traffic management around the locality of Xagħra.

The quotation must cover a comprehensive plan of all traffic related problems including parking. The closing date is Friday, 1st October, 2004.

14th September, 2004

SCHOLARSHIPS IN SWEDEN

Guest Scholarships 2005/2006

The Swedish Institute, a public agency for cultural and educational exchange with individuals and institutions, is offering a number of GUEST SCHOLARSHIPS for academic year 2005/2006 (September 2005 - May 2006).

These scholarships are intended for students at advanced university level, for part of Ph.D. or post-doc Studies and Master's degree studies at any university or university college in Sweden.

Scholarships are granted for studies/research within all subjects but only where Sweden can offer special scientific or academic advantages.

A good knowledge of Swedish and/or English is required.

Prior to application the applicant must establish contact with a Swedish University department willing to accept the applicant for the proposed studies.

Requests for application forms can be made during the period 1st September 2004 to 15th January 2005 by contacting the Swedish Institute either by regular mail, fax or e-mail. The completed application form should reach the Swedish Institute by not later than 15th January 2005.

Questions regarding the programme can be directed to Ms. Karin Dif, responsible for the Guest Scholarship Programme at the address below:

THE SWEDISH INSTITUTE
DEPARTMENT FOR EXCHANGES ON EDUCATION AND RESEARCH
BOX 7434, SE-103 91 STOCKHOLM, SWEDEN
Faxġ +46 8 20 72 48
E-mail: si@si.se
Homepage: http://www.si.se

Further information may also be obtained from the Scholarships Section of the Ministry of Foreign Affairs, Valletta from (or the Ministry's own Website: www.foreign.gov.mt/news/scholarships) or the Information Section, Banca Giuratale, Victoria, Gozo.

14th September, 2004

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Elezzjonijiet għal Rappreżentanti fuq il-QAIAC

Wara sejħa għal Nominazzjonijiet biex jimtlew siġġijiet fuq il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee* (QAIAC), il-Kummissjoni Elettorali rċeviet tliet (3) Nominazzjonijiet għall-Kategorija ta' *Consultant* u żewġ (2) Nominazzjonijiet għall-Kategorija ta' *Senior Registrar/PMO*, kif ġej:-

Kategorija ta' *Consultant:*

Persuni Nominati:-
Dott. Terence Tilney
Dott. Mario Cachia
Dott. Charles Savona-Ventura

Kategorija ta' *Senior Registrar/PMO:*

Persuni Nominati:-
Dott. James Pocock
Dott. Neville Calleja

B'riżultat ta' l-imsemmija nominazzjonijiet, se jsiru elezzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti ż-żewġ persuni li jinħatru fuq il-QAIAC għal terminu ta' sentejn, kull wieħed jirrapreżenta l-kategorija ta' *Consultant* u *Senior Registrar/PMO* rispettivament.

L-Elezzjonijiet se jsiru fil-*Boardroom* prinċipali ta' l-Isptar San Luqa, Guardamangia, nhar il-Ħamis, is-16 ta' Settembru 2004 bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar. Id-dokument tal-vot għandu jiġi ppreżentat personalment lill-persuni eliġibbli immedjatament qabel isir il-vot.

Paul J. Saliba
Charles Messina

Kummissjoni Elettorali
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

L-14 ta' Settembru, 2004

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Election of Representatives on QAIAC

Following a call for Nominations for the filling of seats on the Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (QAIAC), the Electoral Commission received three (3) Nominations for the Category of Consultant and two (2) Nominations for the Category of Senior Registrar/PMO, as follows:-

Category of Consultant:

Nominees:–
Dr Terence Tilney
Dr Mario Cachia
Dr Charles Savona-Ventura

Category of Senior Registrar/PMO:

Nominees:–
Dr James Pocock
Dr Neville Calleja

As a result of these nominations, elections will be held to determine the two persons who will sit on the QAIAC for a term of 2 years, each representing the category of Consultant and Senior Registrar/PMO respectively.

Elections will be held at the Main Boardroom, St Luke's Hospital (Guardamangia) on Thursday, 16th September 2004 between 9.00 a.m. and noon. Voting documents will be handed personally to eligible persons immediately prior to voting.

Paul J. Saliba
Charles Messina

Electoral Commission
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

14th September, 2004

AVVIŻ TAR- REĠISTRU TAL-KUMPANNIJI

Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jgħarraf illi b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2004, id-dikjarazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma':–

a) dokumenti konsenjati, mogħtija jew notifikati lilu għar-reġistrazzjoni;

b) ċertifikati maħruġa minnu wara r-reġistrazzjoni, bdil ta' isem, bdil, amalgamazzjoni jew qsim ta' soċjetà; u

c) tħassir ta' isem ta' soċjetà mir-reġistru;

liema dikjarazzjonijiet huma meħtieġa li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 401 (1)(e) ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji kif ukoll skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Ordinanza Dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, 1962 u l-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations,* 2004 huma, bis-saħħa ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, ippubblikati u qegħdin fl-*internet web-site* uffiċjali tar-Reġistratur tal-Kumpanniji:

http://registry.mfsa.com.mt

Il-pubbliku jista' jara kopja stampata ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kollha matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju fl-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kumpanniji fl-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Ħ'Attard.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

L-1 ta' Settembru, 2004

NOTICE OF REGISTRY OF COMPANIES

The Registrar of Companies hereby notifies that with effect from the 1st September 2004, all statements relating to:–

(a) documents delivered, given or served on him for registration;

(b) certificates issued by him on the registration, change of name, conversion, amalgamation or division of a commercial partnership; and

(c) the striking off the register of the name of a commercial partnership;

which statements are required to be published in the Government Gazette in terms of article 401 (1)(e) of the Companies Act 1995 and also in terms of the relevant provisions of the Commercial Partnerships Ordinance, 1962 and the Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004 are, by virtue of article 16 of the Interpretation Act, published and available on the official internet web-site of the Registrar of Companies at:

http://registry.mfsa.com.mt

A hard copy of all such statements is available for public inspection during office hours at the premises of the Registry of Companies at the Malta Financial Services Authority, Notabile Road, Attard.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

1st September, 2004

FORZI ARMATI TA' MALTA

Matul ix-xahar ta' Ottubru 2004, il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv minn Pembroke *Ranges* fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Il-Ġimgħa l-1 ta' Ottubru 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn l-4 ta' Ottubru sal-Ġimgħa it-8 ta' Ottubru 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn il-11 ta' Ottubru sal-Ġimgħa il-15 ta' Ottubru 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Mit-Tnejn it-18 ta' Ottubru sal-Ġimgħa it-22 ta' Ottubru 2004 bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l hinn mix-xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Waqt l-isparar se jittellgħu bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges*.

Mhux se jsir sparar bejn it-Tnejn il-25 u l-Ġimgħa id-29 ta' Ottubru 2004.

L-14 ta' Settembru, 2004

ARMED FORCES OF MALTA

During the month of October 2004, the Armed Forces of Malta will be holding a live firing practice at Pembroke Ranges on the following dates and times as indicated hereunder:-

Friday 1st October 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday 4th October to Friday 8th October 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday 11th October to Friday 15th October 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

From Monday 18th October to Friday 22nd October 2004 between 7.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke coast during the above dates and timings.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

No live firing practice will take place from Pembroke Ranges between Monday 25th and Friday 29th October 2004.

14th September, 2004

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IT-TURIŻMU

Il-Kap Eżekuttiv ta' l-Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu jgħarraf li l-offerta għal Avviż Nru. MTA/101/2004 *"Space only Stands* għal World Travel Market, ir-Renju Unit" ġiet mogħtija lil Casapinta Design Groupo Ltd., 7, Pjazza Ċelsi, in-Naxxar NXR 03.

L-14 ta' Settembru, 2004

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Chief Executive notifies that the Malta Tourism Authority awarded the tender Advt. No. MTA/101/2004 "Space only Stands at World Travel Market, UK" to Casapinta Design Group Ltd., 7, Pjazza Ċelsi, Naxxar NXR 03.

14th September, 2004

RADD TA' FLUS B'KUXJENZA

L-*Accountant General* jgħarraf illi fis-6 ta' Settembru, 2004, irċieva s-somma ta' Lm1,000 bħala radd ta' flus b'kuxjenza fil-Fergħa ta' Għawdex.

L-14 ta' Settembru, 2004

CONSCIENCE MONEY

The Accountant General acknowledges the receipts of the amount of Lm1,000 on the 6th September, 2004, as conscience money at the Gozo Branch.

14th September, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Settembru, 2004, għal:

CT 137/2004. Provvista ta' *oxygenators tubing circuits and vent suckers* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 197/2004. Xogħlijiet strutturali għal ġibjun fil-*Junior Lyceum* tal-Bniet Sir Adrian Dingli, Pembroke - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 198/2004. Diversi xogħlijiet fl-Iskola Primarja Maria Bambina, il-Mellieħa - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 199/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *vancomycin 500mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 200/2004. Provvista ta' *lignacaine gel 2% X 11ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 201/2004. Provvista ta' *urokinase 10000IU vials* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 202/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *phenoxybenzamine hydrochloride 50mg/ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 203/2004. Provvista ta' *profore four layer bandage kit* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 204/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *interferon alfa-2b* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 205/2004. Provvista ta' *disposable reloadable integral linear cutter and loading units* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 206/2004. Provvista ta' *balance salt solution plus X 500ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 207/2004. Provvista ta' *tape surgical hypoallergenic 2.5cm* - Dipartiment tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th September, 2004, for:

CT 137/2004. Supply of oxygenators tubing circuits and vent suckers – Department of Health.

CT 197/2004. Structural works for reservoir at Sir Adrian Dingli Girls Junior Lyceum, Pembroke - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 198/2004. Various works at Maria Bambina Primary School, Mellieħa - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 199/2004. Supply of vancomycin 500mg injections - Department of Health.

CT 200/2004. Supply of lignacaine gel 2% X 11ml - Department of Health.

CT 201/2004. Supply of urokinase 10000IU vials - Department of Health.

CT 202/2004. Supply of phenoxybenzamine hydrochloride 50mg/ml injections - Department of Health.

CT 203/2004. Supply of profore four layer bandage kit - Department of Health.

CT 204/2004. Supply of interferon alfa-2b injections - Department of Health.

CT 205/2004. Supply of disposable reloadable integral linear cutter and loading units - Department of Health.

CT 206/2004. Supply of balance salt solution plux X 500ml - Department of Health.

CT 207/2004. Supply of tape surgical hypoallergenic 2.5cm - Department of Health.

CT 208/2004. Provvista ta' *high performance fibre dialysers UF15-30* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 209/2004. Provvista ta' kapsoli *tacrolimus 1mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 210/2004. Provvista ta' kapsoli *gabapentin 300mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 211/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *botulinum A toxin - haemagglutin complex* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-23 ta' Settembru, 2004, għal:

CT 101/2004. Disinjar u bini ta' impjant għat-trattament ta' waste water urban f'Ta' Mġarr ix-Xini, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, Malta – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (450 Euros) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Proġett ta' l-E.U. – *Ref. EuropeAid/117155/D/W/MT. National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.*

CT 214/2004. *Silt dredging* fil-Kanal Sukkursu f'Tas-Salini, Burmarrad - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 215/2004. Provvista ta' *multipacks* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 216/2004. Kampanja ta' informazzjoni għas-sena 2004/2005 - Dipartiment tat-Taxxi Interni.

CT 217/2004. Provvista ta' *airconditioning* għar-Residenza San Vinċenz de Paule (Swali tan-Nisa 9 u 10) - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 222/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates* u *hollow sections* għat-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 223/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' żraben tal-mixi għat-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Settembru, 2004, għal:

CT 189/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *ceftriaxone 2g* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 208/2004. Supply of high performance fibre dialysers UF15-30 - Department of Health.

CT 209/2004. Supply of tacrolimus 1mg capsules - Department of Health.

CT 210/2004. Supply of gabapentin 300mg capsules - Department of Health.

CT 211/2004. Supply of botulinum A toxin - haemagglutin complex injections - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 23rd September, 2004, for:

CT 101/2004. Design and construction of an urban waste water treatment plant at Ta' Mġarr ix-Xini, limits of Għajnsielem, Gozo, Malta – Ministry for Gozo. A fee of Lm200 (450 Euros) will be charged for each copy of tender document. E.U. Project – Ref. EuropeAid/117155/D/W/MT. National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.

CT 214/2004. Silt dredging at the Sukkursu Channel at the Salini, of Burmarrad - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 215/2004. Supply of multipacks - Department of Health.

CT 216/2004. Information campaign for the year 2004/2005 - Inland Revenue Department.

